**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 31 - IT-TLIETA 17 TA’ MEJJU 2011**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier (wasal fit-7:46pm) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm preżenti il-membri kollha tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ biex isegwu l-proċess tal-laqgħat. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-Kunsill qabel li ssir emenda skont kif issuġġerita mis-Sindku għal para. 3.2 biex tinbidel l-abbrevjazzjoni $CO_2$ għal CO.

1.2. Il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

2.1. Is-Sindku infurmat li l-perit kien offra li jagħmel xi pjanti ġodda għal Triq Von Boron iżda issa jidher li kien hemm xi diffikultajiet minħabba li kien għadu ma pprovdiex ix-xogħol. Kien hemm qbil li, jekk jinstab perit li jagħmel dan ix-xogħol bi prezz baxx li jaqa’ fl-ammont ta’ ordni diretta, is-Sindku u s-SE għandhom jipproċedu.

2.2. Is-SE qara kommunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand is-Soċjetà Vittorja li la kienet fuq letter head u lanqas kellha firma. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea, is-SE informa li huwa kien avviċina lill-Maestro Pirotta biex imexxi l-banda fuq deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsill kien approva li jintbagħtu erba’ bandisti mis-Soċjetà Peace, wieħed mis-Soċjetà Vittorja u l-Kunsillier Galea seta’ jagħti sehmu wkoll bħala rappreżentant tas-Soċjetà Vittorja. Kien hemm qbil li, minħabba li l-każini tal-banda kienu naqsu li jidentifikaw bandisti huma, minħabba li l-uffiċċju ried jagħti konferma bl-ismijiet lil Mornago, il-Kunsill kien kostrett li jagħżel il-bandisti hu.

2.3. Hawnhekk wasal il-Kunsillier Brincat. Il-ħin kien it-7:46pm.

2.4. Is-SE informa wkoll li l-ismijiet huma kollha definiti ħlief għall-bandist tal-Vittorja, li skont l-applikazzjoni għall-ġemellaġġ mal-UE, kellu jkun ta' sess maskili u taħt it-30 sena. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkostanzi din għandha tissejjaħ banda Naxxarija u li ma tkun assoċjata mal-ebda banda mit-tnejn tan-Naxxar.

2.5. Is-SE informa li kienu ġew numru ta' rappreżentanti miż-żona tas-Salina u ġabu magħhom petizzjoni dwar il-bżonnijiet diversi li kellhom. Huma kienu qed jitolbu wkoll li jiltaqgħu mal-Kunsill jew rappreżentanza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandhom jingħataw appuntament.

2.6. Is-SE informa li kienet twasslitlu talba mill-Ambaxxata Taljana minħabba li xtaqu jiċċelebraw l-anniversarju mill-unifikazzjoni tal-Italja b'festin ġewwa Palazzo Parisio. Huwa informa li t-talba tagħhom kienet sabiex tingħalaq parti mill-pjazza u partijiet oħra ma jkunx hemm parkeġġ fihom. Din l-attività kellha tinżamm nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan sakemm jittieħdu l-provvedimenti kollha b'mod speċjali t-tpoġġija ta' sinjali minn 24 siegħa qabel. Is-SE informa wkoll li kienu talbu sabiex jissellfu żewġ settijiet ta' LED's minn tal-Milied biex iżejnu l-entratura tal-ġnien tal-palazz. Il-Kunsill qabel li s-SE għandu jiddiskuti magħhom kif l-aħjar isir dan minħabba li hemm ir-riskju li meta jiżżarmaw ikun hemm xi ħsara. Għaldaqstant huwa għandu jitlob li possibilment l-Ambaxxata għandha tħallas biex ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill wara l-ħin tax-xogħol tagħhom inkella li jkun hemm xi ħadd minnhom jissorvelja x-xogħlijiet jew xi soluzzjoni oħra tajba għaż-żewġ naħat. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jitlob madwar €250 bħala donazzjoni għall-kirja tal-LED's.

2.7. Is-SE wera t-trofew li kien tlesta sabiex jingħata lill-persuna/i li se jirbħu Ġieħ in-Naxxar. Huwa fakkar ukoll li din l-attività kienet se tinżamm nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju fis-6:30pm ġewwa Palazzo Parisio. Is-SE kien imfakkar fit-tifkiriet li għandhom jingħataw lill-iscouts u lin-Naxxar Lions.

2.8. Is-SE wera wkoll plakka li ngħatat lill-Kunsill minn Glad Enterprises bħala apprezzament għall-kollaborazzjoni għall-attività tat-tberik u kompetizzjoni tal-annimali li nżammet il-Ħadd ta' qabel. Kull min attenda kkonferma li kienet attività ta' suċċess.

2.9. B'riferenza għal para. 3.1, il-Kunsillier Sammut informa li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand Wasteserv sabiex il-Kunsill jgħaddilu l-lista ta' prijorità ta' xogħlijiet ta' toroq fil-Magħtab f'qasir żmien. Għaldaqstant huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex kemm jista' jkun malajr issir l-ispezzjoni tat-toroq kollha fil-Magħtab biex il-Kunsill ikun jista' jgħaddi konferma tat-toroq lill-Wasteserv ladarba kienu aċċettaw li jgħinu lill-Kunsill.

### 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' NOVEMBRU

3.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Huwa ġibed l-attenzjoni li kien inbidel il-format tal-lista skont struzzjonijiet mid-Dipartiment sabiex ikun hemm aktar uniformità bejn il-Kunsilli kollha.

3.2. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

### 4. IS-SITWAZZJONI TAL-KOTBA FINANZJARJI

4.1. Is-SE informa li d-Dipartiment kien qiegħed jinsisti biex il-Kunsill jibgħat ir-rapporti finanzjarji minħabba li dawn suppost intbagħatu fi Frar. Id-Dipartiment kien qiegħed ukoll jitlob spjegazzjoni għad-dewmien. Sabiex iħaffef il-proċess, hu flimkien ma' żewġ impjegati, kienu qed jaħdmu fuq il-finanzi kważi *full-time*. Huwa spjega wkoll li għal xi raġuni l-*accountant* tal-Kunsill ma kinitx resqet lejn l-uffiċċju mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill ħlief għal siegħa waħda. Barra minn hekk, kienet wegħdet li tgħaddi l-*backups* tas-*Sage* diversi drabi iżda dawn ma waslu qatt għalkemm kellimha u bagħtilha diversi messaġġi.

Hawnhekk is-SE ġibed l-attenzjoni li dan kollu ma jfissirx li ma kinitx ħadmet kemm ilha tagħti servizz lill-Kunsill iżda kien jidher li ma kinitx kommessa li tagħti l-massimu tagħha f'din is-sitwazzjoni urġenti filwaqt li r-riżultati baqgħu ma waslux. Huwa kien ilu ħafna jiġbdilha l-attenzjoni u saħansitra kienet wegħdet diversi drabi li se tlesti iżda x-xogħol kien għadu lura ħafna.

4.2. Is-SE kien tkellem mad-Dipartiment u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) fejn spjegalhom il-problema filwaqt li spjega d-dilemma li jew se jkollu jistenna lill-Accountant jew, jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jwaqqafha se jkollu problema biex jagħlaq il-finanzi. Huwa kompla li l-NAO kien aċċetta l-prinċipju li l-Kunsill iqabbad lill-awdituri biex jagħlqu s-sena u jippreparaw ir-rapporti finanzjarji għal ħlas addizzjonali, għalkemm din ma kinitx xi ħaġa li xtaqu li ssir, li iżda fiċ-ċirkostanzi jidher li ma kienx hemm alternattiva.

4.3. Is-SE wissa li l-Kunsill aktarx jispiċċa jeħel penali talli ma ppreżentax id-dokumenti fil-ħin u li għalhekk bilfors irid jieħu deċiżjonijiet malajr u tajbin.

4.4. Is-SE ippreżenta wkoll ir-rati tal-Awdituri li l-Kunsill aċċetta għalkemm possibilment kellu jkun magħruf bejn wieħed u ieħor se jinvolvi ħin ix-xogħol.

4.5. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li għandu jittermina s-servizzi tal-Accountant filwaqt li jikkonsulta mal-avukat biex jiġi vverifikat xi ħlasijiet għandhom isiru tas-servizz li tat lill-Kunsill.

4.6. Is-SE informa wkoll li kien ħa d-deċiżjoni biex ix-xogħol ta' postings fuq is-sistema tal-accounts issir minn persuna mill-istaff filwaqt li imbagħad ikun hemm bżonn accountant biss lejn l-aħħar tas-sena biex jagħlaq u joħroġ ir-rapporti. Għaldaqstant kien jistenna li x-xogħol ikun aktar pront u korrett minn qabel.

4.7. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jippubblika sejħa għall-offerti għal *accountant* ġdid/a b'ħafna inqas sigħat fejn xogħlu/xogħlha jkun biss li tassigura li x-xogħol mill-amministrazzjoni jkun qed isir sew u biex tagħmel ix-xogħol imsemmi qabel.

## 5. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

5.1. Il-Kunsill waqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex is-Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ikun jista' jagħti spjegazzjoni dwar il-proġett li qed jaħdmu fuqu bħala KLŻ. Huwa qal li t-tema ewlenija hija s-saħħa u l-ikel u li kien beħsiebhom jorganizzaw numru ta' laqgħat mal-għaqdiet, jorganizzaw sports day, sessjonijiet dwar is-saħħa u l-ikel kif ukoll iħejju dvd biex jitqassam mal-lokalità kollha. Il-Kunsillier Sammut semma li fl-opinjoni tiegħu dan kien wieħed mill-aħjar KLŻ fin-Naxxar li qatt kien hawn. Huwa informa wkoll li għalkemm issa l-KLŻ xolja, il-membri kollha kienu qablu li flimkien mal-Kunsillier Sammut għandu jiġi ffurmat sotto-kumitat taż-żgħażagħ f'isem il-Kunsill. Hawnhekk is-Sindku taż-żgħażagħ rringrazzja kemm lis-SE u lill-Kunsillier Sammut tal-għajnuna u gwida li kienu tawhom f'dawn l-aħħar xhur.

5.2. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami fakkret lill-Kunsill dwar id-diretturju tan-negozji li kienet tixtieq tippubblika għal-lokalità Naxxarija. Hija talbet lis-SE sabiex l-amministrazzjoni tkun tista' terga' taħdem fuqu. Hawnhekk is-SE infurmaha li fil-preżent kull membru tal-amministrazzjoni kien qed jaħdem fuq xogħlijiet differenti u li ma kienx possibbli li dan id-direttorju jingħata wisq prijorità. Min-naħa l-oħra huwa infurmaha li hekk kif jeħles mill-problema tal-finanzi, l-amministrazzjoni tkun f'sitwazzjoni aħjar biex tibda tikkonċentra fuq xogħlijiet oħra inkluż id-diretturju tan-negozji.

5.3. Il-Kunsillier Galea staqsa x'kienet is-sitwazzjoni dwar il-fuljett tal-Kunsill. Is-SE informa li kienet ġie ffissat appuntament sabiex issir laqgħa preparatorja iżda l-Kunsilliera

responsabbli mill-pubblikazzjoni, il-Kunsillier Bonello u l-Kunsillier Galea nniffsu, ma kinux attendew għal-laqgħa, għalkemm il-Kunsillier Galea kien avża minn qabel li ma jistax jattendi filwaqt li l-Kunsillier Bonello m'attendiex minħabba xi ħaġa aċċidentali li ġrat fil-ġurnata. Is-SE informa li l-amministrazzjoni ma setgħetx tkompli titgħabba bix-xogħol kollu tal-pubblikazzjoni kif kien qed jiġri tul dawn l-aħħar snin u għaldaqstant talab li jkun hemm aktar għajnuna min-naħa tal-Kunsilliera involuti. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Bord Editorjali għandu jkun dissolvut u li jerġa' jiddiskuti dwar il-pubblikazzjonijiet li jmiss aktar tard.

5.4. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk il-Kunsill kellux f'moħħu li jorganizza xi attività għal żmien il-festa ta' San Ġwann. Kien hemm qbil li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex din issir.

5.5. Il-Kunsillier Galea informa li għalkemm hu u l-Kunsillier Sammut kienu ġew mitluba jagħmlu rapport dwar il-bankini, s'issa ma kinux għadhom sabu ġurnata komuni bejniethom sabiex jiltaqgħu għall-ispezzjonijiet. Kien hemm qbil li l-amministrazzjoni għandha tgħaddilhom il-lista tat-toroq u t-tnejn li huma kienu se jmorru jagħmlu l-ispezzjonijiet individwalment u fl-aħħarnett iqabblu kollox bejniethom u jieħdu deċiżjoni dwar il-prijoritajiet li hemm.

5.6. Il-Kunsill kien imfakkar fl-attività tal-astronomija ippjanata għall-11 ta' Ġunju.

5.7. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2011 fis-7:30pm.

5.8. Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 31

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: 28 ta' April 2011 sas-17 ta' Mejju 2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ADI Associates | €119.59 | €119.59 | D | PF | Planning Applications Reviews - April 2011 | 30/04/11 | 831 | n/a | n/a | | |
| 2 | AMJ Legal Consultants | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer Fees for the month of April 2011 | 02/05/11 | 42 of 2011 | n/a | n/a | | |
| 3 | Archway Ironmongery | €91.16 | €91.16 | D | PF | equipment for handymen | 28/03/11 | 31449 | | | | |
| 4 | ARMS Ltd. | €199.63 | €199.63 | D | PF | Electricity and water consumption bills of Gnien l-Unjoni Ewropeja for the period between 27/11/2010 and 24/02/2011 | | 13599556 | n/a | n/a | | |
| 5 | ARMS Ltd. | €29.98 | €29.98 | D | PF | Electricity bill of the Public Garden and Parking. Period between 28/01/2011 and 24/02/2011 | 11/05/11 | 13599557 | n/a | n/a | | |
| 6 | ARMS Ltd. | €89.80 | €89.80 | D | PF | Electricity and water consumption bills of Gnien l-Eghnieq. Period between 28/01/2011 and 24/02/2011 | 11/05/11 | 13599558 | n/a | n/a | | |
| 7 | ARMS Ltd. | €260.22 | €260.22 | D | PF | Electricity bill of the Pelican lights in Triq San Pawl for the period 27/11/2010 and 24/02/2011 | 11/05/11 | 13599560 | n/a | n/a | | |
| 8 | ARMS Ltd. | €22.26 | €22.26 | D | PF | Electricity bill of Gnien il-Hamrija for the period 28/01/2011 and 24/02/2011 | 11/05/11 | 13599561 | n/a | n/a | | |
| 9 | ARMS Ltd. | €285.23 | €285.23 | D | PF | Electricity bill of the Water Pump in Triq il-Parrocca for the period 27/11/2010 and 24/02/2011 | 11/05/11 | 13599928 | n/a | n/a | | |
| 10 | C.S.D. Office Trade | €210.04 | €210.04 | D | PF | 2 Office Chairs | 29/04/11 | 34567 | 3571 | 3571 | | |
| 11 | C.S.D. Office Trade | €358.01 | €195.17 | D | PF | Stationary Less Credit Note for Office Chairs | 28/04/11 | 34537 | 3572 | 3572 | | |
| 12 | C.S.D. Office Trade | €8.23 | €8.23 | D | PF | rubber bands and puncher | 10/05/11 | 34668 | 3573 | 3573 | | |

A

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Charlie Mifsud | €865.84 | €865.84 | T | PF | Beach Cleaning - Extra Work - April 2011 | 02/05/11 | 884 | n/a | n/a | | |
| 14 | Charlie Mifsud | €1,625.00 | €1,625.00 | T | PF | Weed Cutting - Non Urban Roads - April 2011 | 02/05/11 | 883 | n/a | n/a | | |
| 15 | Charlie Mifsud | €1,904.83 | €1,904.83 | T | PF | Beach Cleaning - April 2011 | 02/05/11 | 882 | n/a | n/a | | |
| 16 | Charlie Mifsud | €284.76 | €284.76 | T | PF | Reimbursement for wasteserv Expenses | 02/05/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 17 | Christian Galea | €5,833.33 | €5,833.33 | T | PF | Street Sweeping - April 2011 | 30/04/11 | 90 | n/a | n/a | | |
| 18 | Cimaco Group Ltd | €144.43 | €144.43 | D | PF | Hand towels | 28/04/11 | 6124 | 3560 | 3560 | | |
| 19 | DOI | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert of Pet Show on Gov. Gazz. | 25/04/11 | n/a | 3574 | 3574 | | |
| 20 | Eco Pure | €22.41 | €22.41 | D | PF | Delivery of Water | 09/05/11 | 486953 | n/a | n/a | | |
| 21 | Eco Pure | €44.83 | €44.83 | D | PF | Delivery of Water | 21/04/11 | 485601 | n/a | n/a | | |
| 22 | En Route Malta Drive Ltd. | €164.00 | €164.00 | K | PF | Transport Services for Romanian Delegation | 30/04/11 | 18529 | 3552 & 3556 | 3552 & 3556 | | |
| 23 | Enemalta Corporation | €233.00 | €233.00 | D | PF | update of database, form A, demarcation charges | 26/04/11 | 1800000284 | n/a | n/a | | |
| 24 | G4S Security Services | €152.20 | €152.20 | D | PF | CIT - April 2011 | 30/04/11 | 2518 | n/a | n/a | | |
| 25 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager Fee - April 2011 | 29/04/11 | 2415 | n/a | n/a | | |
| 26 | Georgina Grima | €551.46 | €551.46 | D | PF | Nursing Services - April 2011 | 30/04/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 27 | GO plc | €153.95 | €153.95 | D | PF | Telephony Service for the month of April 2011 | 12/05/11 | 25734207 | n/a | n/a | | |
| 28 | GO plc | €236.30 | €236.30 | D | PF | Telephony Service for the month of April 2011 | 12/05/11 | 25734214 | n/a | n/a | | |
| 29 | GO plc | €20.10 | €20.10 | D | PF | Telephony Service for the month of April 2011 | 12/05/11 | 25734208 | n/a | n/a | | |
| 30 | Grace Camilleri | €175.80 | €175.80 | D | PF | Librarian Services - April 2011 | 30/04/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 31 | Josephine Massa | €30.00 | €30.00 | D | PF | Refund of First Aid Course | 09/05/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 32 | Jurgen Attard | €1,234.80 | €1,234.80 | T | PF | Handyman Services - April 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | | |
| 33 | Jurgen Attard | €128.70 | €128.70 | T | PF | Football Ground Guardian - April 2011 | 30/04/11 | 1156687 | n/a | n/a | | |
| 34 | Leo's Garage Paramount | €126.69 | €126.69 | K | PF | Transport services - April 2011 | 30/04/11 | 23600 | 3561 | 3561 | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Leo's Garage Paramount | €242.53 | €242.53 | K | PF | Transport services - April 2011 | 15/04/11 | 23538 | 3546 & 3576 | 3546 & 3576 | | |
| 36 | Local Councils Assoc. | €592.00 | €592.00 | D | PF | Health insurance - May - Dec 2011 | 02/05/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 37 | Local Councils Assoc. | €10.00 | €10.00 | D | PF | Laqgha ghas-Sindki 20&21 May 2011 | 28/04/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 38 | Mario Mallia | €1,023.13 | €1,023.13 | D | PF | Road Paint | 27/04/11 | 1079 | 3564 | 3564 | | |
| 39 | Mario Mallia | €137.42 | €137.42 | D | PF | Water Pipes 3" x 5.8m | 27/04/11 | 1080 | 3565 | 3565 | | |
| 40 | Mayor | €795.50 | €795.50 | D | PF | Remuneration - March 2011 | 29/04/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 41 | Mdina Glass | €209.99 | €209.99 | D | PF | Paperweights & plates | 20/04/11 | 7746 | 3535 & 3540 | 3535 & 3540 | | |
| 42 | Melita plc | €28.83 | €28.83 | D | PF | Telephony Services - May 2011 | 01/05/11 | 30333471 | n/a | n/a | | |
| 43 | Melita plc | €2.40 | €2.40 | D | PF | TV Services - May 2011 | 01/05/11 | 30334011 | n/a | n/a | | |
| 44 | MITA | €74.55 | €74.55 | D | PF | Email Accounts for Staff & Councilors | 29/04/11 | 24780 | n/a | n/a | | |
| 45 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Refuse Collection - April 2011 | 30/04/11 | 4 / 11 | n/a | n/a | | |
| 46 | Renata Alamango | €10.00 | €10.00 | D | PF | Refund for General Fitness Course that was cancelled | 09/05/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 47 | Robert Galea | €600.00 | €600.00 | D | PF | Payment for 2 Aerobics Courses & 1 Pilates Course | 30/04/11 | 1 | 3575 | 3575 | | |
| 48 | Snow White Laundry | €25.00 | €25.00 | D | PF | Cleaning of Flags | 27/04/11 | 398620 | 3566 | 3566 | | |
| 49 | Staff | €7,283.00 | €7,283.00 | D | PF | Wages - March 2011 | 29/04/11 | n/a | n/a | n/a | | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €111.15 | €111.15 | T | PF | Repairs on Street Light No. T010 | 28/04/11 | 898 | n/a | n/a | | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €22.31 | €22.31 | T | PF | Repairs on Street Light No. W222 | 28/04/11 | 945 | n/a | n/a | | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €36.29 | €36.29 | T | PF | Repairs on Street Light No. W064 | 28/04/11 | 946 | n/a | n/a | | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Repairs on Street Light No. W165 | 28/04/11 | 949 | n/a | n/a | | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Repairs on Street Light No. W192 | 28/04/11 | 950 | n/a | n/a | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | The Lighthouse Keepers | €34.83 | €34.83 | T | PF | Repairs on Street Light No. W455 | 28/04/11 | 951 | n/a | n/a | | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Repairs on Street Light No. W146 | 28/04/11 | 952 | n/a | n/a | | |
| 57 | Victor Mula | €1,176.00 | €1,176.00 | T | PF | Handyman Services - April 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | | |
| 58 | WasteServ Malta Ltd. | €4,757.33 | €4,757.33 | D | PF | Tipping Fees - March 2011 | 15/04/11 | 8605 | n/a | n/a | | |
| 59 | WasteServ Malta Ltd. | €47.88 | €47.88 | D | PF | Ghallis Engineered Landfill (Vehicles JAM023 & LAM305) | 15/04/11 | 8370 | n/a | n/a | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier